# *Persuna li nammira - In-nanna Marija*

L-għajnejn jixegħlu u t-tbissima mċarrta qatt ma waqfu jesprimu l-ferħ innoċenti tax-xwejħa Marija, għax donnu ż-żmien qatt ma ħakem lill-karattru tan-nanna.

In-nanna twila twila, qisha lasta, u tista' tgħid li niexfa għuda wkoll, avolja l-ikel tħobbu ħafna. Miġbur ġo qagħqa, xagħarha huwa kannella jagħti fil-griż, u dejjem issibha bl-istess par imsielet imdendlin ma' widnejha. Għajnejha suwed tuta, u huma moħbija wara nuċċali rqiq. Donnha l-moda qatt ma interessat lin-nanna, għax kull darba ssibha liebsa l-istess libsa roża. B'pass ħafif fuqha, in-nanna dejjem tmekkek, tagħmel xi qadja, jew saħansitra taqdi lil xi ħadd. Ngħiduha kif inhi, kulħadd iserraħ moħħu li n-nanna mhijiex ser titlajja għall-qadja li jitolbuha tagħmlilhom.

Kont dejjem issibha fuq saqajha, dejjem mehdija fi dmirha, donnha qatt ma kienet tieqaf biex isserraħ imqar muskolu wieħed ta' ġisimha. Dejjem għaddejja, lejl u nhar! Kienet regola għan-nanna Marija, li malli l-arloġġ il-qadim idoqq is-sitta u nofs ta' filgħodu, araha ttajjar il-friex sħun mis-sodda u tibda l-ġurnata bil-faċendi. Nistgħu ngħidu li n-nanna minn dejjem kienet ta' karattru bieżel, donnha xi naħla u niskanta kif jirnexxilha tlaħħaq tagħmel dak kollu li jkollha x'tagħmel. Qalbha taz-zokkor, għax kull fejn tmur, tagħmel minn kollox biex ixxerred il-paċi u l-ferħ fis-soċjetà ta' madwarha. Għalkemm hija responsabbli, tolleranti u kreattiva, in-nanna hija l-aktar magħrufa għas-sempliċità tagħha. Dejjem taħseb b'mod għaqli ta' xwejħa li hi, iżda qalbha hija pjuttost ta' tifla innoċenti.

In-nanna Marija hija persuna unika.  Minn dejjem kienet persuna li kelli ġibda enormi lejha, u qatt ma jien ser nieqaf nimxi wara l-passi tax-xwejħa Marija!

***Nicole Porter***

***Form 2.1***

---